# Informazzjoni Dwar L-Għażla tas-Suġġetti tal-Vjaġġ Tiegħi

***(Kull taqsima għandu jkollha bejn 50-60 kelma)***

**Għażla tas-Suġġett**: Studji Kummerċjali

*Jekk jogħġbok indika r-rotta offruta:*
**Applikata: ____**
**Akkademika**: Iva
**Vokazzjonali: _____**

**Introduzzjoni Ġenerali għas-Suġġett:**

Is-suġġett tal-Istudji Kummerċjali huwa investiment għall-futur tiegħek. Dan huwa suġġett ta' tagħlim tul il-ħajja. Jippreparak sabiex issib ix-xogħol ideali tiegħek. Huwa prattiku minħabba li huwa relatat mal-ħajja personali tiegħek kemm fid-dar kif ukoll fuq ix-xogħol.
Jinkludi fih litteriżmu finanzjarju, is-settur bankarju, preparazzjoni għal intervisti, kif jaħdem negozju u dak li hu meħtieġ biex dan jinżamm kompetittiv u ta' suċċess, l-intraprenditorija u l-kreattività.
Opportunitajiet ta' xogħol jinkludu xogħol fit-tmexxija, fil-kontabilità, xogħol bankarju, fl-assigurazzjoni, fl-ekonomija u l-kummerċjalizzazzjoni.

**Lista ta' temi studjati:**

a. L-ambjent tan-negozju
b. Struttura u organizzazzjoni tan-negozju
ċ. Elementi ta' attività fin-negozju
d. Riżorsi Umani
e. Komunikazzjoni
f. Kif tgħin, tirregola u tikkontrolla n-negozju
ġ. Xiri
g. Produzzjoni
għ. Markiting
h. Finanzi
ħ. Riċerka u Żvilupp

**Attivitajiet involuti fil-klassi:**

a. Interrogazzjoni diretta
b. Kwiżżijiet
ċ. Xogħol fi gruppi
d. Użu t'għodod permezz tal-whiteboard interattiv
e. Eżerċizzji bil-miktub
f. Preżentazzjonijiet: xogħol individwali u fi gruppi
ġ. Role play
g. Dimostrazzjonijiet
għ. Żjarat lill-istituzzjonijiet finanzjarji u organizzazzjonijiet tan-negozju
h. Dibattiti
ħ. Evalwazzjoni ta' studji ta' każijiet
i. Reviżjonijiet personali/mal-oħrajn
ie. Diskussjonijiet
j. Wirjiet
k. Logħob

**Xogħol assenjat għad-dar:**

a. kompiti bil-miktub
b. prattika u reviżjoni tas-suġġetti mgħallma fl-iskola
ċ. riċerka permezz tal-internet, kotba, artikoli, rivisti, gazzetti eċċ.
d. riċerka minn postijiet tax-xogħol
e. proġett – fid-9 sena
f. proġett – fl-10 sena – dwar l-intraprenditorija u t-tema tal-litteriżmu finanzjarju
ġ. proġett – fil-11-il sena – Sec 15%

**Assessjar mogħti:**

a. assessjar formattiv u summattiv
b. kompiti assessjati kontinwament bħal eżerċizzji bil-miktub, ħidmiet ta' riċerka, preżentazzjonijiet maħduma d-dar
ċ. kompiti assessjati kontinwament bħal eżerċizzji bil-miktub, ħidmiet ta' riċerka, preżentazzjonijiet maħduma fil-klassi
d. eżami annwali
e. assessjar li jsir ma' xulxin bejn il-pari dwar kompitu ta' preżentazzjoni – kompitu dwar l-intraprenditorija u l-litteriżmu finanzjarju
f. kitba dwar proġett – bil-kitba/ b'mod diġitali
ġ. preżentazzjoni orali

**Lista ta' ħiliet miksuba bl-istudju tas-suġġett:**

a. ħiliet fil-litteriżmu u l-matematika għall-interpretazzjoni tad-dejta
b. hard skills tan-negozju
ċ. analiżi
d. evalwazzjoni
e. interpretazzjoni
f. teħid ta' deċiżjonijiet
ġ. soluzzjonijiet għall-problemi
g. ħsieb kritiku
għ. preżentazzjoni
h. komunikazzjoni
ħ. ħidma f'tim
i. kollaborazzjoni
ie. ħiliet organizzattivi
j. ippjanar
k. negozjar
l. attenzjoni għad-dettall
m. ħiliet ta' smigħ
n. motivazzjoni
o. immaniġġar
p. etika, dinjità u konformità
q. litteriżmu finanzjarju
r. intraprenditorija

**Lista tal-ħiliet meħtieġa biex tistudja s-suġġett:**

a. Ingliż bażiku
b. ħiliet numeriċi bażiċi
ċ. għarfien bażiku tal-IT
d. kreattività u innovazzjoni

| |
|---|
| e. ħiliet ta' preżentazzjoni<br>f. ħiliet ta' komunikazzjoni<br>ġ. ħiliet ta' ħidma f'tim |
| **Isem tal-Uffiċjal tal-Edukazzjoni :** Ms Joanne Zammit |
| **Indirizz elettroniku**: joanne.zammit.3@ilearn.edu.mt |